24 ta' Frar, 1947

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Spiru Quintano

**Rekwiżizzjoni — "Bis in Idem" — Art. 521 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Wara sentenza li tkun illiberatu, l-imputat ma jistax jerġa' jiġi mħarrek għall-istess fatt.*

*Jekk wieħed jiġi mħarrek talli naqas li jikkonsenja lill-Housing Commissioner iċ-ċwievet ta' dar rekwiżizzjonata, u jiġi liberat minn dik l-imputazzjoni, ma jistax jinġieb mill-ġdid quddiem il-Qorti għall-istess fatt fuq is-sempliċi motiv li huwa reġa' naqas li jikkonsenja dawk iċ-ċwievet b'ordni ġdid ta' rekwiżizzjoni, jekk iċ-ċirkustanzi jkunu baqgħu xorta waħda kif kienu meta saret l-ewwel kawża, u l-motivi li fuqhom kienet bażata l-liberazzjoni tiegħu jkunu baqgħu l-istess ukoll. Is-sempliċi differenza bejn id-data tar-rekwiżizzjoni l-ġdida u d-data tar-rekwiżizzjoni ta' qabel ma tnaqqasx il-prinċipju tal-"bis in idem". U għalhekk, fil-każ preżenti, ġiet akkolta l-eċċezzjoni tan-"non bis in idem", u l-imputat ġie liberat.*

Quintano ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta biex iwieġeb għall-imputazzjoni illi naqas li jagħti l-pussess tad-dar non ostanti "requisition order";

Hu ta l-eċċezzjoni tan-"non bis in idem". Il-Maġistrat akkolja l-eċċezzjoni u lliberah. Il-Prosekuzzjoni appellat;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Mill-provi deher illi fit-30 ta' Marzu 1946 kienet inħarġet ċitazzjoni kontra l-imputat talli naqas li jagħti l-pussess tad-dar Triq il-Gżira, Birżebbuġa, non ostanti "requisition order" tal-31 ta' Jannar 1946. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet allura lliberatu b'sentenza tagħha tat-8 ta' April 1946. Minn dik is-sentenza ma sarx appell. Jekk il-motiv tal-liberatorja kienx sewwa jew le fl-okkażjoni ta' dik is-sentenza, mhux issa ndagabili minn dina l-Qorti, għaliex is-sentenza għaddiet ġudikat;

Biċ-ċitazzjoni odjerna l-imputat qiegħed jiġi addebitat illi naqas li jagħti pussess ta' l-istess dar non ostanti "requisition order" ieħor ġdid tas-7 ta' Novembru 1946. Il-Qorti t'Isfel irriteniet, kif ġà ngħad, illi hu l-każ ta' "autrefois acquit". Il-Prosekuzzjoni ssostni li ma hemmx lok għall-eċċezzjoni, għaliex ir-"requisition order" hu divers. Dan hu l-pont devolut għall-eżami ta' dina l-Qorti;

Ikkunsidrat;

L-art. 521 Kap. 12, li qiegħed taħt l-intestatura ta' "Dispożizzjonijiet Komuni għal dina l-Qorti u għall-Qorti Kriminali tal-Maġistrati", igħid illi wara sentenza li f'kawża tilliibera imputat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra;

Għalhekk wieħed għandu jara kienx l-istess fatt;

Issa l-fatt fl-ewwel sentenza kien dan: l-imputat irċieva "requisition order" dwar din id-dar partikulari u ma kkunsinnax iċ-ċwievet tagħha;

Il-Maġistrat irritjena, bħala fatt, illi l-imputat kellu residenza waħda, u billi, fil-fehma tiegħu, l-uniċità tar-residenza kienet tikkostitwixxi raġuni leġittima biex l-ordni ma jiġix obdut, illibera lill-imputat. Mela l-fatt kien dan: (a) "requisition order"; (b) din id-dar partikulari; (c) uniċità tar-residenza. Biex ma jkunx hemm l-istess fatt hemm bżonn li jkun hemm xi diversità f'wieħed minn dawn it-tliet elementi komponenti l-fatt;

Issa f'dina l-kawża tal-lum hemm "requisition order", jiġifieri ordni ta' l-awtorità amministrativa, ta' l-istess xorta ta' qabel. Id-data hija diversa, għaliex inħareġ ordni ġdid;

imma s-sempliċi diversità tad-data ma hi ta' l-ebda influwenza fuq il-kwistjoni, għaliex l-att jibqa' dejjem ta' l-istess xorta, jiġifieri "requisition order", bl-istess konsegwenzi ġuridiċi għar-"requisitionee"; in-natura tiegħu għall-finijiet talliġi ma titbiddelx bid-diversità tad-data. Il-"fatt" li ssemmi l-liġi fl-art. 521 fuq ċitat hu, kif ġie ritenut korrettament filġurisprudenza estera, "lo stesso fatto materiale e sostanziale, fatta astrazione dagli accessori................" (Coen, voce Cosa Giudicata Materia Penale, para. 61);

Hemm anki l-istess dar; dan ma hux kontrastat;

Kwantu għat-tielet fattur, il-Prosekuzzjoni mhix qiegħda tallega illi l-imputat il-lum għandu aktar minn residenza waħda, b'mod illi naqset il-bażi (sija pure malament ritenuta mill-Ewwel Qorti) tar-raġuni leġittima li skond il-Qorti kienet allura tiġġustifika d-dżubbidjenza għall-ordni. Il-ġudikat, in bażi għall-prinċipju "tantum disputatum quantum judicatum", għandu f'dan il-każ jitqies bħala li ma jippermettix li l-imputat, sakemm jitqies li għad għandu residenza waħda fil-kontest taċ-ċirkustanzi li kienu quddiem il-Qorti fl-ewwel kawża, jista' jerġa' jiġi proċessat għal diżubbidjenza ta' requisition order dwar l-istess dar;

Hu veru li dak il-motiv tal-liberatorja (kif ġie ritenut f'sentenzi oħra ta' dina l-Qorti) hu kritikabili, imma s-sentenza ta' qabel għaddiet ġudikat b'dak l-motiv, bażi taddispożitiv, u daqshekk hu allura l-ġudikat, li għandu jiġi rispettat; u, kif ingħad, il-Prosekuzzjoni mhix qiegħda tibbaża l-appell fuq li l-imputat il-lum ma jistax jinvoka aktar irraġuni leġittima, sija pure malament sostnuta mill-Qorti ta' Isfel, għaliex il-lum għandu aktar minn dar waħda, imma qiegħda tibbaża l-appell fuq iċ-ċirkustanza aċċessorja tad-diversità tad-data, biss;

Fil-ġurisprudenza Ingliża, a propożitu ta' kwistjoni simili, il-prinċipju imperanti hu dan:— "It is a clear principle that a person cannot be indicted again for a crime of which he has already been acquitted. The only question is whether he was really in jeopardy on the former occasion" (Warburton and Grundy, Leading Cases in Criminal Law, pag. 501). Issa, fil-kawża ta' qabel l-imputat kien "in jeo-

pardy'' fis-sens (kif spjegat fil-ġurisprudenza Ingliża) illi hu seta', f'lok liberat, ġie kundannat; għalhekk, anki b'dan it-tesi, l-istess hemm il-ġudikat favur l-imputat;

Għal dawn ir-raġunijiet dina l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-Prosekuzzjoni u tikkonferma s-sentenza appellata.